# L–iskola tal–hajja
## 05/09/2005



Is–Slovenja
Saš Kravos

“Bhala eks–sportiv ta´ l–oghla livell, qattajt l–ewwel 18–il sena ta´ hajti fil–kamp ta´ l–atletika. Minhabba li korrejt f´irkoppti, ma bqajtx nikkompeti. Bdilt l–avvenimenti sportivi ma´ bars u pârtis mherwla u bdejt inpejjep –u sirt ma nghaddix minghajr is–sigaretti. Żgur li domt inpejjep hafna, kważi 19–il sena.

Bejn l–1989 u l–1995 bdejt karriera fil–kummerċ u kelli diversi karigi gholjin fi hdan kumpannija internazzjonali li l–attività prinċipali taghha kien il–bejgh tal–prodotti tat–tabakk.

Fl–1998, sehhet bidla sinifikanti f´hajti. Inkun qed nigdeb jekk nghid li qatt ma kkunsidrajt li nieqaf inpejjep, jew fil–fatt li naghmel bidla radikali fl–ghażla tieghi tal–qasam kummerċjali –sabiex ma nkomplix nahdem g hall-industrija tat–tabakk.

Ir–raġuni finali ghalfejn jien waqaft inpejjep tabilhaqq kienet il–marda serja ta´ missieri. Waqaft inpejjep ghal gheluq sninu, bhala rigal. Kont naf li dik kienet ix–xewqa vera tieghu. Minn dak iż-żmien ma missejtx sigarett ma´ halqi u missieri rkupra. Wara tant żmien, sahhti hija ferm ahjar u qieghed nerġa´ niehu sehem b´mod attiv fl–isport. Li waqaft inpejjep kienet wahda mill–ahjar deċiżjonijiet ta´ hajti.

Illum immexxi il–fondazzjoni “Z glavo na zabavo”, li tghin fit–tkabbir ta´ l–gharfien fost iż-żghażagh ta´ l–effetti hżiena li jġib mieghu l–abbuż ta´ l–alkohol u li turihom li huwa possibbli li wiehed jiddeverti minghajr “l-ghajnuna” tax–xorb jew tad–drogi.”